



Manifattur ta' vetturi bil-mutur li l-vetturi tiegħu mmanipulati illegalment jerġgħu jinbigħu fi Stati Membri oħra jista' jitressaq quddiem il-qrati ta' dawn l-Istati

Effettivament, id-dannu tax-xerrej jimmaterjalizza ruħu fl-Istat Membru fejn huwa jixtri l-vettura bi prezz superjuri għall-valur reali tagħha

Il-Verein für Konsumenteninformation (VKI), assoċjazzjoni Awstrijaka ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ressqet quddiem il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, l-Awstrija) azzjoni għad-danni kontra l-manifattur ta' vetturi bil-mutur Ġermaniż Volkswagen minħabba d-danni li jirriżultaw mill-inklużjoni fil-vetturi mixtrija minn konsumaturi Awstrijaċi ta' softwer li jimmanipula d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet ta' skariku. Hija titlob li Volkswagen tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' EUR 3 611 806, minbarra ammonti aċċessorji, u tiġi ddikjarata responsabbli għad-danni kollha li għadhom ma humiex kwantifikabbli u/jew li ser jiġu prodotti fil-ġejjieni.

Insostenn tat-talba tagħha, VKI tibbaża ruħha fuq ir-responsabbiltà delittwali u kważi-delittwali ta' Volkswagen u tinvoka l-fatt li l-574 konsumatur li ċedewlha d-drittijiet tagħhom għal din l-azzjoni kienu xtraw, fl-Awstrija, vetturi ġodda jew użati mgħammra b'magna EA 189 qabel l-iżvelar lill-pubbliku, fit-18 ta' Settembru 2015, tal-manipulazzjoni mwettqa minn Volkswagen fuq id-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet tal-iskariku ta' dawn il-vetturi.

Skont VKI, dawn il-magni huma mgħammra b'"tagħmir ta' riduzzjoni" li huwa illegali fid-dawl tar-regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur¹ fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6). Dan huwa softwer li jippermetti li, matul it-testijiet u t-tkejjil, jirriżultaw emissjonijiet ta' gass tal-iskariku li jirrispettaw il-valuri massimi imposti, filwaqt li, f'kundizzjonijiet reali, jiġifieri meta l-vetturi kkonċernati jintużaw fit-triq, is-sustanzi li jniġġzu effettivament emessi jilħqu proporzjonijiet li jeċċedu b'diversi drabi l-limiti awtorizzati. Kien biss bis-saħħa ta' dan is-softwer li jimmanipula d-data dwar dawn l-emissjonijiet li Volkswagen setgħet tikseb, għall-vetturi mgħammra b'magna EA 189, l-approvazzjoni tat-tip prevista mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Skont VKI, id-dannu għall-proprietarji ta' dawn il-vetturi jinstab fil-fatt li, li kieku huma kienu konxji tal-manipulazzjoni inkwistjoni, jew kienu jastjenu ruħhom milli jixtru tali vettura, jew inkella kienu jiksbu tnaqqis fuq il-prezz ta' mill-inqas 30 %. Peress li l-vetturi inkwistjoni kienu, sa mill-bidu, difettużi, il-valur tas-suq tagħhom u għalhekk il-prezz tax-xiri tagħhom huwa nettament inqas mill-prezz li effettivament tħallas. Id-differenza tirrappreżenta dannu li jagħti dritt għal kumpens.

Volkswagen, li s-sede tagħha tinstab f'Wolfsburg (il-Ġermanja), tikkontesta b'mod partikolari l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Awstrijaċi.

¹ Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1).

F'dan il-kuntest, il-Landesgericht Klagenfurt talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tintrepretar r-regolament dwar il-ġurisdizzjoni².

Skont dan ir-regolament għandhom ġurisdizzjoni, bħala prinċipju, il-qorti tal-Istati Membri fejn ikun residenti l-konvenut. Madankollu, fil-qasam ta' delitt, dan ir-regolament jagħti ġurisdizzjoni speċjali lill-qorti tal-post fejn tkun seħħet il-ħsara u lill-qorti tal-post fejn ikun seħħ l-avveniment li jkun ikkawża d-dannu. Konsegwentement, il-konvenut jista' wkoll jiġi mħarrek, fuq l-għażla ta' min jagħmel it-talba, quddiem il-qorti ta' wieħed jew l-ieħor minn dawn iż-żewġ postijiet.

F'dan il-każ, il-post fejn seħħ l-avveniment li kkawża d-dannu jinstab fil-Ġermanja, fejn il-vetturi inkwistjoni ġew mgħammra b'softwer li jimmanipula d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet tal-iskariku. Ir-rabta' ma dan il-post twassal għalhekk, l-istess bħall post ta' residenza tal-konvenut, għall-ġurisdizzjoni tal-qorti Ġermaniżi.

Il-Landesgericht għandha dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk għandux jitqies, minħabba s-sempliċi xiri tal-vetturi inkwistjoni mingħand bejjiegħa ta' vetturi bil-mutur stabbiliti fl-Awstrija u l-kunsinna ta' dawn il-vetturi fl-Awstrija, li l-post ta' fejn seħħet il-ħsara jinstab fl-Awstrija, fatt li jwassal lill-qorti Awstrijaċi jkollhom ġurisdizzjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti tal-Ġustizzja tirispondi li, meta fi Stat Membru (il-Ġermanja) manifattur ikun illegalment għammra il-vetturi tiegħu b'softwer li jimmanipula d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet tal-iskariku qabel ma dawn il-vetturi jinxtrow mingħand terzi fi Stat Membru ieħor (l-Awstrija), il-post fejn tkun seħħet il-ħsara jinstab f'dan l-aħħar Stat Membru (l-Awstrija).**

F'dan il-każ, id-dannu allegat minn VKI jikkonsisti f'telf ta' valur tal-vetturi inkwistjoni li jirriżulta mid-differenza bejn il-prezz li x-xerrej ħallas għal tali vettura u l-valur reali tagħha minħabba l-installazzjoni ta' softwer li jimmanipula d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet tal-iskariku.

Konsegwentement, għalkemm dawn il-vetturi kienu affettwati minn difett sa mill-installazzjoni ta' dan is-softwer, għandu jitqies li **d-dannu invokat immaterjalizza ruħu biss fil-mument tax-xiri tal-imsemmija vetturi, permezz tax-xiri tagħhom bi prezz superjuri għall-valur reali tagħhom.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, fil-każ ta' kummerċjalizzazzjoni ta' vetturi mgħammra mill-manifattur tagħhom b'softwer li jimmanipula d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet tal-iskariku, **id-dannu mġarrab mix-xerrej finali la huwa indirett u lanqas ma huwa purament patrimonjali** u jimmaterjalizza ruħu max-xiri ta' tali vettura mingħand terz.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva, barra minn hekk, li manifattur ta' vetturi bil-mutur stabbilit fi Stat Membru li jwettaq manipulazzjonijiet illegali fuq vetturi kkummerċjalizzati fi Stati Membri oħra jista' raġonevolment jistenna li jittressaq quddiem il-qorti ta' dawn l-Istati.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

² Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1)